**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 36**

**12 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara Itaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-6 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Maurizio Gauci – Vici sindku
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Gilmor Borg - Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Eżekuttv

**Assenti b'apologija:**

Stefano Sicari – Kunsillier
Alfred Attard – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier

**Assenti:**

Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

36.1.1 Is- Sindku Desirei Grech staqsiet lis-segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri t'apoloġija fejn hi qalet li rċeviet 3; Dik tas-Sur Kaylocke Buhagiar, tas-Sur Stefano Sicari u tas-Sur Alfred Attard. Hija qalet li Is-Sa Yana Borg Debono Grech kienet bagħtet messaġġ li ser tasal ftit tard.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**36.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il minuti preċedenti nu35. Ma kien hemm xejn. Il minuti ġew ikkunsidrati moqrija u korretti.

36.2.2 Is-Sur Maurizio Gauci ippropona u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti bħala korretti.

**36.3 Arisings mill-Minuti**

36.3.1 Xejn

**36.4 Accounts u għeluq tas-sena.**

36.4.1 Is-sindku infurmat li s-Sa Lorna Ser tkun qed tippreżenta l-għeluq tas-sena finanzjarja fil-laqgħa li jmiss.

**36.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

36.5.1 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li kellha talba għal Sponsorship mingħand l-għaqda tan-nar fejn talbu €250 biex isiru Flokkijiet bil-logo tal-kunsill. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti biex tingħata din l-għajnuna.

36.5.2 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li l-kunsill ibbenefika għal darboħra min fondi għal attivitajiet kulturali SPI/SCI/05/2025 – Finanzjament Karnival 2026. Hija ħabbret li għall darboħra

il-kunsill ser ikun qed itellgħa il-Ballu tal-Karnival u festin għat-tfal. Festin ser isir nhar 12 ta' Frar filwaqt li l-ballu ser isir il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2026 fil Ġnien tal-Istazzjon. Hija ħeġġet lil kulħadd biex jattendi.

36.5.3 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li il-kunsill kien ser jorganizza Thrift shop sabiex jiġbor fondi b'risq il-Cat feeders. Dan peress li kella bosta talbiet t'għajnuna u sa issa kienet għada ma ħarġet l-ebda skema. Il-kunsill mhux ser joħroġ flus għall din l-attività ħlief ħaddiem u il flus miġbura mil bejgħ tal ħwejjeġ użati ser jinxtraw vouchers għal-cat feeders reġistrati.

36.5.4 Is-sindku infurmat lil Dawk preżenti li kellna laqgħa mas-sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv tal kunsill tal-Imsida fejn dawn talbu sabiex il-kunsill ta' Birkirkara jappoġġja it-talba sabiex art verġni li tinsab fis-Swatar tinbidel f'park u sservi bħala pulmun għar-residenti taż-żewġ lokalitajiet. Huma spjegaw li għalkemm l-art tinsab fl-Imsida din tolqot b'mod dirett ir-residenti Karkariżi fis-Swatar. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti sabiex nappoġġjaw u issir din it-talba.

36.5.5 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li ix-xogħolijiet ġewwa Ġnien Fleur De Lys imwettqa mil Group ta ħaddiema ta Turisim zones immexxija mill kunsillier Alfred Attard mixjin sew. Hija fakkret li il-Materjal kollu huwa provdut mil-kunsill. Wara dan il-ġnien ser nitolbu li jsiru postijiet oħra in-naħa ta' Paris. Is-sindku irringrazzjat u faħħret dan ix-xogħol imwettaq.

36.5.6 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li ser ikunu qed isiru Xogħolijiet  min WSC drainage section fil-watercourse wara bosta talbiet u rapporti li saru biex tissolva il-problema ta' drenaġġ. Xogħolijiet huma skedati li jibdew min 9 sa 31 ta' Jannar matul il lejl.

36.5.7 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li kellha talba biex jinbidel isem triq San Giljan naħa l-oħra tal-bypass. Residenti qalu li qed ikollhom diffikultà biex ikollhom deliveries u anki ambulanza. Kien hemm qbil li nikkutatjaw lid-door Numbering Unit/ Street nameing commetee  għal aktar informazzjoni.

36.5.8 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li mid-19  sal-24 ta' Jannar 20260 ser ikun hemm uffiċjali tal Identità Malta li ser ikunu qed jagħmlu tiġdid tal-karti tal-Identità. Dawn ser ikunu fil-livell 0 ġewwa l-ewwel Kamra qabel tidħol fiċ-Ċentru Ċiviku.

**36.6 Performance Bonus Ħaddiema u segretarju Eżekuttiv.**

36.6.1 Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li flimkien mas-segretarju Eżekuttiv inħarġu rapporti dwar il performance bonus tal-ħaddiema. Filwaqt li faħħret il-ħidma tagħhom hija sostniet li jeħtieġ li jimpenjaw ruħhom sabiex itejbu is-servizz għalhekk ma kienux qed jieħdu il massimu. Il-Ħaddiema il-ġodda ser jieħdu 6% u l-kumplament ser jieħdu 8%.
Is-sur Maurizio qal li l-ħaddiema għandhom ikunu infurmati għaliex dawn ingħataw din ir-rata.

36.6.2 Is-sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex toħroġ mill-kamra sabiex jiġi diskuss il-Performance bonus tagħha.

36.6.3 Performance Bounuses ġew approvati bejn dawk preżenti.

**36.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

36.7 1 Is-sindku qalet li Sa Rosette kienet bagħtet xi domandi 10 min qabel il-laqgħa u għaldaqstant ma kienetx f'pożizzjoni li tirrispondi. Hija qalet li kienet sa iddur id-domandi u tibgħat email.
36.7.2 Is-sa Rosette staqsiet dwar l-isprall fi triq l-Imsida meta hemm il ħsieb li jissewwa. Is-sindku infurmat li dan l-isprall kien tkisser meta sar xogħolijiet mil-Enemalta. Il-kunsill diġà ikkomunika mal kuntrattur sabiex jirranġa u jekk jibqa' ma jsirx ser inkellmuhom bl-avukat.

36.7.3 Sa Marie Claire ġibdet l-attenzjoni li l-isprall ta quddiem il-kunsill, il-parti l-ġdida qed iħabbat u jeħtieġ li jitpoġġa xi lakstu. Is-sindku infurmat li dan għadu mhux lest u jrid jintrabat . Hija qalet li huwa previst li x-xogħol jitlesta sa l-aħħar ta dan ix-xahar.

36.7.4 Is-sa Rosette staqsiet dwar informazzjoni li ħarġet is-sindku dwar il-Mitħna. Is-sindku qalet li kelna meetings ma sovratendenza tal Heritage sabiex tiċċara jekk il-kunsill jiddeciedi li jgħamel private partneship ikunx hemm xi oġġezzjoni. Hija qalet li kellna il-go ahead biex inkomplu bil proġett.

**36.8 Rapporti**

36.8 Xejn

## 36.9 Amministrazzjoni

36.9.1 Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li is-sejħa għal ħaddiem ta' barra kienet għalqet u irċevejna CV waħda . Hija qalet li ssejjaħ board sabiex mexxejna bl-interview. Wara l-intervista instab li dan kien eleġibbli. Il-Ħaddiem ġie approvat b'mod unanimu bejn dawk preżenti.

36.9.2 Is-sindku qalet ukoll li ser inkunu qed noħorġu Sejħa għal ħaddiem ġdid skala 16 flok il ħaddiem li rriżenja.

36.9.3 Tenders.Is-sindku infurmat li lt-tender għal ġonna kien għadu ma ingħalaqx għax kien għadu fil proċess ta evalwazzjoni peress li huwa tender kompless u kien hemm bosta kjarifikazzjonijiet li kellhom jiġu proċessati. Tender mistenni li jiġi konkluż u mghaluq .

36.9.4 Is-sindku informat lil dawk preżenti li inħareġ ukoll it-Tender tal bulky Refuse Collection u qiegħad fi stadju avvanzat.

36.9.5 Hija infurmat ukoll li qed naħsbu sabiex noħorġu Tender għat tabelli u sinjali tat-toroq kif ukoll Tender iehor sabiex jinħadem ħadid. Hija spjegat li l-bżonn għal dan is-servizz kiber minħabba ilmenti li nirċievu mhux biss għat-tiswijiet ta spralli izda għal xogħolijiet oħra madwar il-lokalità. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

36.9 6. Is-sindku tkellmet dwar parti mill proċess tal Heritage cluster hemm bżonn li nagħmlu kuntatt ma persuna /i li jistgħu joffru assistenza sabiex tinġabar informazzjoni awtentika u storika għal-mużew. Hija qalet li ser tkun qed tikkuntattja nies mgharufa fl-istorja ta Birkirkara u titlob l-għajnuna. Hija qalet li għandu jsir agreement sabiex dawn il persuna/i jitħallsu ta dan is-servizz. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

36.9.7Is-sindku qalet ukoll li il-kunsill għandu bżonn ukoll persuna li tgħati għajnuna fuq skemi u proġetti. L-istess bħal persuna li kien ippreżenta rapport fuq ix-xogħol tal-istazzjon. Hija infurmat li dan kien irriżenja.
Kien hemm qbil unanimu preżenti bejn dawk preżenti.

## 36.10 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet.

36.10.1 Is-sindku staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq l-iskeda ta pagamenti. Ma kien hemm l-ebda kumment. Skeda ta ħlasijiet ġiet approvata mis-Sa Jade England u ssekondata mis-Sa Marie Claire Zammit Bonello bħala korretta.

36.10.2 Petty cash ġiet approvata mis-sur Maurizio Gauci u s-sur Luke Vella ssekonda l-iskeda bħala korretta.

**36.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

36.11.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis 6.35 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Is-sindku fakkret li reġa' wasal il-Vot għaldaqstant laqgħat li jmiss kienu skedati nhar 27 ta' Jannar fi 6pm l-ewwel Vot, Nar 3 ta' Frar 2026 fis- 6pm tieni Vot. Nhar 9 ta' Frar 2026 5.30pmil-laqgħa Statutorja.

**36.11. 2** Il- Laqgħa ntemmet fis 7.10pm.

Iffirmati

Christine Jo Mansueto